MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 139/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Renard Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta’ Lulju, 2007, fil-Gzira, fil-kapacita’ tieghu ta’ operatur tal-pompa tal-petrol maghrufa bhala Savoy Service Station sitwata fi Triq Rue d’Argens, Gzira, biegh jew offra ghall-bejgh jew xort’ohra qieghed fis-suq kombustibbli dizil li ma kienx konformi ma’ l-ispecifikazzjoni ambjentali stabbiliti fl-artikolu 4 tal-Avviz Legali 222 ta’ l-2001.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 t’April, 2009, li biha, ddecidiet li mill-provi prodotti l-akkuza ma gietx pruvata w

ghaldaqstant ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta' Mejju , 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena fuqu skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi stante li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fil-fatt fid-data w lok indikat fl-imputazzjoni, l-appellat kien qieghed ibiegh jew joffri ghall-biegh jew xort' ohra jqieghed fis-suq kombustibbli diesel li ma kienx konformi mal-ispecifikazzjoni ambjentali stabbiliti fl-artikolu [recte : regolament] 4 tal-Avviz Legali 222 ta' l-2001. Il-prosekuzzjoni ressqet l-aqwa prova disponibbli fic-cirkostanzi li jwasslu ghall-konkluzzjoni univoka li fil-fatt il-kombustibbli diesel prelevat mill-pompi tas-Savoy Service Station fis-16 ta' Lulju, 2007, kien jikkontjeni *"sulphur content"* oghla minn dak permess mill-ligi fir-regolament 4(1)(a) tal-Avviz Legali 222/2001 u Annex II tal-istess. Una volta li dawn il-fatti gew stabbiliti, l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed evidenza sabiex issib lill-appellat hati. Fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax mill-atti li xi allegazzjoni li talvolta setghet saret mill-appellat giet pruvata sal-grad mehtieg mill-ligi b' mod li seta' legalment u ragonevolment jinnewtralizza l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi hawn l-Avukat Generali qed jilmenta mill-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali **: "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] **; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .

Illi gie ukoll ritenut li dawn il-kriterji japplikaw ugwalment meta l-appell ikun qed isir mill-prosekuzzjoni, bil-ghan li tinstab hija fejn l-appellat ikun gie liberat mill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi li nstemghu mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**L-ISPETTUR MAURICE CURMI** xehed li l-Pulizija kienet irceviet ittra minghand l-Inginier Godwin Sant fil-kapacita' tieghu bhala Director Energy fi hdan il-Malta Resources Authority li biha infurmah li xi haddiema tal-Enemalta Corporation kienu ghamlu spezzjoni u hadu kampjuni tad-diesel mis-Savoy Service Station , Gzira , fis-16 ta' Lulju, 2007. Kien irrizulta li s-*sulphur content* kien oghla minn dak specifikat fil-Legal Notice 222. Hu kien baghat ghall-

appellat li qallu li kien hu li kien qed imexxi l-pompa tal-petrol. Meta kellmu fuq dak id-diesel u staqsieh minn fejn gabu, l-appellat beda jinnega li xtrah minn xi sors iehor minnbarra tal-Enemalta. Minn investigazzjoni li ghamel ix-xhud irrizulta li d-diesel in kwistjoni x' aktarx li kien intiz ghas-*shipping.* Mill-Enemalta zgur li ma setax hareg dak it-tip ta' diesel fis-sens li seta' kien hemm xi *mix-up* ta' xi *bowser* jew li xi hadd mela dan il-*bowser* li kien gie konsenjat lilu bi zball. Iz-zewg tipi ta' diesel johorgu minn zewg *premises* differenti. Kull *shipmen*t li jkollhom l-Enemalta li jigi minn barra jittestjawh.

**JOSEPH CAMILLERI u JOSEPH VELLA,** impjegati tal-Enemalta**,** xehedu li l-*manager* kien baghthom jiehdu *sample* tad-diesel mis-Savoy Service Station. Huma marru w hadu s-*samples* u haduhom ghand is-Sur David (Gauci) tas-Saybolt Malta Limited biex jittestjawhom biex jaraw xi kwalita' ta' prodott hu. Is-*samples* ikunu issigillati w gew moghtija lis-Sur David (Gauci).

**DAVID GAUCI,** analista ma Saybolt Malta Limited, xehed li kienu tawh is-*samples* u ittestjhom u hareg ic-certifikat li hemm esebit a fol. 11 li hu kkonferma. Hu mhux impjegat mal-Enemalta imma huma kumpanija indipendenti. F' dan il-kaz sabu li s-sulphur (kubrit) kien barra mill-ispecifications. Suppost ikun 50 ppm, igifieri point zero, zero, five zero mass per cent (.0050%) u sabuh 350 ppm (.035%), igifieri gholi hafna.

In kontro-ezami, x-xhud qal li dan id-diesel High Sulphur normalment ikun ahmar. F' dal-kaz ma kienx ahmar. Ma kellux *red dye* mieghu. Is-Saybolt Malta Ltd. huma laboratorju privat u jitqabbdu mill-Enemalta privatament biex jaghmlu l-analizi. L-appellat ma kienx prezenti meta saret l-analizi. Huma jittestjaw kull provvista li tidhol ghand l-Enemalta kull meta jidhol vapur. Jittestjaw ukoll fis-*shore tanks*. Hu ma jistax jaf jekk il-provvista li nghatat lill-appellat kienux ittestjawha jew le. L-Enemalta jatuh is-*samples* imma hu ma jkunx jaf minn fejn ikunu gejjin. Trid issaqsi lil tal-Enemalta. Sa fejn jaf hu kull vapur jittestjaw.

Ghad-domandi tal-Qorti, wiegeb li diesel ghall-*bunkering* hu diesel differenti minn dan. F’ tal-*bunkering* il-maximum tas-*sulphur content* ikun ta’ point one (.10) minnflok point zero, zero five (.005) igifieri m’ghandux x’ jaqsam. F’ dak il-kaz ikun diga’ bir-*red dye* meta jidhol. Mistoqsi allura din il-kwantita’ esagerata ta’ kubrit f’ dan il-kaz ghal xhiex jattribwiha hu bhala analista, wiegeb li l-uniku mod li seta’ jara din id-differenza kienet dovuta ghal *contamination* b’ xi haga. Anki bl-istandards ta’ dak iz-zmien ghad-diesel intiz ghas-shipping, is-*sulphur content* kien oghola.

**DOTTORESSA MARIA CRIMINALE,** avukat tal-Malta Resources Authority, xehdet li l-Enemalta kienet irceviet rapport minnghand is-Saybolt Malta Ltd. li l-appellat kellu l-*fuel* li ma kienx *within the current specification* tal-*fuel* li kien jigi *marketed* mill-Enemalta. L-Enemalta kienet infurmat lilhom bhala r-regolatur u huma infurmaw lil Pulizija. Kull meta l-Enemalta timporta *fuel* dan dejjem jigi ttestjat *upon importation and discharge.* Igifieri, jekk kien hemm xi tbaghbis jew kontaminazzjoni, din grat wara w mhux qabel. Tal-*bowsers* ma tafx jekk jittiehdux *samples.*

**L-APPELLAT** ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti pero’ rrilaxxja l-istqarrija li tinsab a fols. 12 u 13 tal-process. F’ din l-istqarrija hu ddikjara li hu kellu l-pompa Savoy Service Station mikrija lilu . Hu minnu li fis-16 ta’ Lulju, 2007, xi haddiema tal-Enemalta kienu hadu xi kampjuni tad-diesel li hu kien qed ibegh u dawn tawh kampjun lilu wkoll. Hu kien xtara d-diesel li tieghu hadu kampjun minnghand l-Enemalta stess. Hu jgib diesel minnghand l-Enemalta skond ix-xoghol, igifieri xi drabi, darba w drabi ohra darbtejn, daqqa tlitt elef litru w daqqa sitt elef litru fil-gimgha. L-ahhar li kien gab diesel minnghand l-Enemalta qabel ma gew hadu l-kampjuni kien xi erbat ijem jew tlitt ijiem qabel. Ma jafx x’kien ir-irizultat tal-analisi tal-kampjuni w lanqas jaf kemm hu suppost ikun is-*sulphur content* tad-diesel li jbegh. Hu qatt ma biegh diesel li normalment jimbiegh ghall-vapuri. Darba kellu *complaint* ghax ta *petrol* minnflok diesel. Cahad li d-diesel li kellu dak in-nhar u li hadu l-kampjuni tieghu il-haddiema tal-EneMalta kien diesel li normalment jintuza ghall-*bunkering* u mhux ghal vetturi ghax hu normali jgibu. Hu milli jaghtuh

l-Enemalta ibiegh. Dejjem il-haddiema tal-Enemalta gabulu d-diesel bil-*bowsers* taghhom fil-pompa tieghu w gieli, meta jkollhom xi hsara, gabuhulu b’ vetturi ta’ xi kumpanija privata ta’ xi hadd Borg li ghandu *bowsers* sofor. Hu jikkalkola li jbiegh daqqa tlitt elef u daqqa sitt elef litru fil-gimgha. Mhux dejjem izomm *records* tad-diesel li jbiegh ghax hu jghaddi kollox lill-accountant.

Ikkonsidrat;

Minn dawn il-provi fuq riassunti jemergi li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh kollu kemm hu fuq ir-rizultat tal-analisi li ghamel David Gauci bhala analista tal-kumpanija privata Saybolt Malta Limited. Din l-analisi tekniko-xjentifika saret fuq talba tal-Enemalta Corporation wara preljev ta’ samples tad-diesel li kien qed jimbiegh mill-pompa gestita mill-appellat.

Issa l-istess regolamenti komprizi fl-Avviz Legali 222 tas-sena 2001 jistipulaw li ghall-proceduri mehuda ghall-ksur tal-istess regolamenti ghandhom japplikaw ir-regoli tal-Kodici Kriminali ghall-proceduri kriminali [Reg. 10 (1) (2) ]. Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe’ mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (art. 650 (1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti *ex parte* imma jridu jkunu <u>gew maghzulin mill-Qorti</u> (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-*in genere* (art. 548 u 549 tal-Kap.9).

Issa f’ dan il-kaz indubbjament ir-rapport tar-rizultat tal-analisi li saret minn David Gauci w li jinsab a fol. 11 tal-process seta’ biss jigi kompilat b’ hila u sengha specjali tal-istess analista w mhux rizultat ta’ kostatazzjoni ta’ fatt bis-sensi ordinarji tieghu. Fi kliem iehor jinkorpora opinjoni li, bhala xhud ordinarju, hu kien prekluz milli jaghti kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti.

Konsegwentement, ladarba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova.

Li suppost sar f' dan il-kaz kien li, appena l-Enemalta rrizultalha li fis-*samples* mehuda minghand l-appellat kien hemm diesel kontaminat, il-Malta Resources Authority jmissha tablet lill-Pulizija li titlob li tinfetah inkjesta magisterjali biex, permezz ta' periti nominati mill-Magistrat Inkwirenti – kif kien isir fil-kaz ta' tbaghbis mal-*meters* tad-dawl u tal-elettriku – jigi konstatat x' kien is-*sulphur content* tad-diesel prelevat. Dan jista' jsir billi minnflok zewg kampjuni jigu prelevati tlieta, wiehed ghall-analisi preliminari privata tal-Enemalta Corporation, wiehed ghall-persuna li minnghandu jkun ittiehed il-kampjun u wiehed, okkorrendo, ghall-analisi eventwali minn perit nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan.

Seta' wkoll koncepibbilment, fuq talba tal-prosekuzzjoni, gie nominat perit mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz biex, indipendentement mill-analisi li saret minn David Gauci, janalizza l-istess kampjun jekk dan kien ghadu jezisti fil-mori ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ma sarx.

Ghalhekk, fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq opinjoni tekniko-xjentifika ta' espert li ma giex nominat bhala perit mill-Qorti.

Ghalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellat – ghalkemm hija ghal kollox priva minn xi motivazzjoni kwalsiasi – ghandha treggi jekk mhu ghalxejn, ghar-raguni fuq moghtija f' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi qed tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------